## Mhix xi ħaġa kbira

Ngħiduha kif inhi: meta niġu għall-Internet, aħna nafu aktar mill-kbar. Mhix xi ħaġa kbira li aħna nkunu qed nisserfjaw, niċċettjaw, u nibagħtu l-messaġġi lil sħabna fuq il-*mobile*, kollox fl-istess ħin.




Imma mhux biżżejjed li aħna nkunu nafu nużaw din it-teknoloġija, jeħtieġ ukoll nuru lill-ġenituri tagħna u lil min jieħu ħsiebna li aħna SMART kif nużawha u ma' min nagħmlu kuntatt.

## Min int?

Jista' jkun li int taħseb li ltqajt ma' xi ħbieb tal-ġenn fiċ-*chat rooms*, imma kif tista' tkun ċert ma' min qed titkellem?




Tassew, il-persuna tista' tkun minn tagħna u ta' min jafdaha, imma mill-banda l-oħra, tista' tkun qed tqarraq bik.

Jien dejjem ngħid lil ħbiebi biex ma jagħtux ħafna informazzjoni fiċ-*chat profile* tagħhom u biex qatt ma jagħmlu appuntament biex jiltaqgħu ma' min ikunu qed jiċċettjaw. Il-ħbieb li toqgħod tpaċpaċ magħhom fuq l-Internet, ta' min iħallihom għall-Internet.

## Kun dejjem pożittiv

Il-biċċa xogħol tajba dwar l-Internet hi li dejjem ikollu siti tal-ġenn, ħafna minnhom magħmula minn żgħażagħ. Jekk issib sit li hi tassew meravilja biex jgħinek fil-homework jew fil-passatemp tiegħek, allura għaddih lil ħbiebek.




Materjal bla sugu bħalma huma siti mimlija mibegħda jew pornografija ta' min iħallihom barra mill-ewwel.

Oqgħod b'għajnejk miftuħa beraħ għal dawk is-siti li jitolbuk ħafna dettalji personali. Int qatt ma tkun taf fejn tispiċċa l-informazzjoni li tagħti meta tkun fuq l-Internet.




Għandu mnejn li int taf tuża l-Internet bla periklu, iżda agħmel mill-aħjar li tista' biex tieħu ħsieb lil ħbiebek u 'l ħutek.
Fakkarhom biex joqogħdu dejjem attenti u jżommu f'moħħhom ir-regoli SMART kull meta jkunu qed jikkomunikaw ma' nies li ma jafuhomx.

smart

www.kidsmart.org.uk




## L-użu tal-mobile

Kulħadd qed jibgħatlek il-messaġġi bl-addoċċ, imma jista' jagħti l-każ li dawn ma jkunux ħbieb jew nies li taf.
Tagħtix n-numru tal-mobile tiegħek lil xi ħadd li ma tafux, u jekk qatt tibda tirċievi messaġġi offensivi jew li jdejquk, iftaħ qalbek mal-ġenituri tiegħek, ma' l-għalliema tiegħek jew ma' min qed jieħu ħsiebek mill-ewwel.
Meta tkun barra fit-triq, il-mobile żommu moħbi u kun ċert li għandek *PIN* jew numru ieħor ta' sigurtà biex it-telefon tkun tista' titfih.

